

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 2.
## ANGLU T'ALLA JZUR LIL MARIJA

**Mattew 1:18-25; Luqa 1:26-56**

Marija kienet mara Lhudija. Ghexet gewwa Nazaret, belt fil-Galilea. Kienet qed tistenna li tizzewweg lil wiehed ragel jismu Guzeppi mid-dar ta' David. It-tnejn kienu nies fqar. L-gharus taghha kien jahdem bhala karpentier biex jaqla' l-ghexien tieghu u jipprepara d-dar ghal futura mara tieghu, Marija.



Jum wiehed l-anglu Gabirjiel gie mibghut minn Alla ghand din ix-xebba gewwa Nazaret biex jaghtiha l-bxara li kellha tkun omm is-Salvatur tad-dinja, li kellu jitwieled ma jdumx. Marija baqghet miblugha x'hin rat l-anglu quddiemha u aktar bil-kliem li qalilha.

Kif dahal l-anglu sellmilha u qalilha: "Sliem ghalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej mieghek." L-anglu kompla jispjegalha li Alla ghazilha biex tkun l-omm tieghu ghax ried jibghat il-Feddej lid-dinja . L-Iben taghha kellha issemmieh Gesu' u Hu kellu jkun is-Sultan li jsaltan ghal dejjem. Dan l-iben

taghha kellu jkun l-Iben Alla. Marija ma setghetx tifhem kliem l-anglu ghaliex hija ghad ma kelliex ragel. Imma l-anglu asssiguraha li dak li kien ser jigri minnha kien ser jigri bis-setgha ta' l-Ispirtu Qaddis t'Alla.

Waqt it-tahdita bejnithom, Marija saret taf mill-anglu li l-qariba taghha Elizabetta kien ser ikollha tarbija ghalkemm kienet imdahhla fiz-zmien. "Ghal Alla xejn ma hemm impossibli," wegibha l-anglu. Marija baxxiet rasha u wiegbet lil anglu: " Ikun minni skond kelmtek." U l-anglu telaq minn hdejha u hallieha.

## RIFLESSJONI

IL-FIDI TA' MARIJA HIJA KBIRA......RAT LI ALLA RIED IL-MISSJONI LI TKUN OMM IS-SALVATUR U ACETTAT ... INTELQET F'IDEJH B'FIDI KBIRA. "IKUN MINI SKOND KELMTEK", WIEGBET LIL ANGLU BLA MA LISSNET EBDA ARGUMENT IEHOR JEW KUNDIZZJONI.